MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 1384/2003

**George Zammit**
**Vs**
**Elton John Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz ta’ l-attur li ddikjara li l-konvenut kien involut f’incident awtomobilistiku li sehh nhar l-14 ta’ Dicembru, 2002 ghall-habta tas-12.45 fi triq San Gorg, Qormi.

L-attur jispjega illi l-konvenut kien qed isuq vettura tat-tip Freight Rover Sharps bin-numru ta’ registrazzjoni BAF 924 u bi traskuragni, b’imperizja u b’nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu habat u kkaguna danni fil-vettura ta’ l-attur tat-tip Renault Megane bin-numru MAL 159, li dak il-hin kienet misjuqa minn ibnu Malcolm Zammit.

Illi l-istess danni kkagunati mill-konvenut lill-attur konsegwenza tal-habta imsemmija jammontaw komplessivament ghal elf mija u seba’ u ghoxrin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm1127.13), jew dik is-somma verjuri li tista’ tigi hekk likwidata in linea ta’ danni b’ konsegwenza ta’ l-istess incident.

L-attur talab lil dan it-Tribunal, prevja dikjarazzjoni li huwa responsabbli ghall-incident hawn fuq imsemmi, li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ elf mija u seba’ u ghoxrin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm1127.13), jew dik is-somma ohra verjuri li tista’ tigi hekk likwidata in linea tad-danni konsegwenza ta’l-istess incident.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li dan l-incident ma garax tort tal-eccipjenti, izda gara tort unikament ta’ Malcolm Zammit, is-sewwieq tal-vettura numru MAL 159.

Ra x-xhieda ta’ Malcolm Zammit li jispjega li fl-14 ta’ Dicembru, 2002, kien qed isuq il-vettura Renault Megane, bin-numru ta’ registrazzjoni MAL 159, fid-direzzjoni minn triq il-Wied, Hal Qormi, ghal triq Hammieri. Sabiex jidhol go din it-triq, hemm telgha u kien diga telaghha sabiex jidhol go triq Hammieri, meta karozza giet mit-triq faccata , qabzet zewg karozzi li kienu nezlin ghal go triq il-Wied minn fejn kien gej l-attur u dahal go fih.

Wara li sehh l-incident l-konvenut kien qallu li kien qabez il-vetturi sabiex jidhol go triq San Gorg.

Ix-xhud jikkonferma l-posizzjoni tal-vettura fl-incident u jikkonferma li bhala hsarat kellu daqqa fuq quddiem, fuq in-naha tal-fanal tal-lemin, fil-bonnet, il-bumper u l-mudguard.

Jikkonferma dak li hemm fir-rapport tal-pulizija.

Ix-xhud jispjega illi hu kien wieqaf meta dahal go fih il-konvenut, ighid li z-zewg vetturi li kien qabez il-konvenut,

kienu wieqfa sabiex seta' ighaddi x-xhud, izda mbaghad mar jaqbizhom l-konvenut u ghalkemm ghafas il-brake kien baqa' diehel go fih.

Ix-xhud jistqarr illi meta hareg minn triq il-Wied sabiex jisporgi ghal Triq Hammieri, kien waqaf fil-bokka, u wara li ra li l-vetturi kienu waqfu sabiex ighaddi hu, kien hareg mill-kantuniera u sehh l-incident.

Ighid li ra l-vettura tal-konvenut l-ewwel darba tul ta' tlett karozzi.

Ra x-xhieda ta' l-attur li kkonferma li huwa kien il-propretarju tal-vettura Renault, li pero' dakinhar ta' l-incident ma kienitx qed tigi misjuqa minnu u ma kienx hemm meta sehh l-incident, kien mar wara.

Ra x-xhieda ta' Ex PS 175 George Pace, li ezebixxa r-rapport u kkonferma li hu kien mar fuq il-post fejn sehh incident fl-14 ta' Dicembru, 2002, bejn il-vetturi tal-partijiet.

Jikkonferma li dak kollu li kienu qalulu l-partijiet kien nizlu fir-rapport u jistqarr li l-iskizz mhux "to scale," izda kif kien sab il-vetturi meta mar fuq il-post.

Jispjega li Triq San Gorg hija "two-way."

Ra d-dokumenti ezebiti.

Fil-5 ta' Dicembru, 2006, it-Tribunal zamm access fuq il-post fejn sehh l-incident fejn gie kkonstatat illi triq il-wied hija fl-livell aktar 'l isfel minn triq Hammieri, li mbaghad tisbokka ghal din it-triq permezz ta' tela'. Triq San Gorg tinstab paralleli ma' triq il-Wied u hija djagonali minn Triq Hammieri.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal f'dan il-kaz kellu okkazzjoni jaghmel access fuq il-post fejn sehh l-incident, mertu tal-vertenza odjerna u ghalhekk huwa f'posizzjoni ahjar li jaghti interpretazzjoni ghar-responsabbilita' ta' dan l-incident.

Jirrizulta li Triq il-Wied tizbokka permezz ta’ tela’ ghal go triq Hammieri u parallel ghal triq il-Wied hemm triq San Gorg, li tinstab posizzjonata djagonali ghal triq Hammieri.

Ix-xhud Malcolm Zammit jispjega li hu kien qed isuq il-vettura MAL 159, minn triq il-Wied sabiex jisbokka, permezz ta’ telgha zghira fit-triq Hammieri. Jikkonferma li kienu waqqfu zewg vetturi sabiex ikun jista’ jghaddi. Ighid ukoll li kien lemah il-vetura tal-konvenut l-ewwel darba tul ta’ tlett karozzi.

Ix-xhud ighid li malli kien beda tiela’ lejn triq Hammieri, sab il-konvenut ma’ wiccu u l-incident kien inevitabbli.

Dan kollu gie kkonfermat fir-rapport tal-pulizija.

Il-konvenut ma gab l-ebda provi sabiex jikkonvinci t-Tribunal li ma kienx responsabbli ghall-incident, meta l-indikazzjonijiet huma cari – li huwa unikament responsabbli ghall-incident meta qabez karozzi wieqfin sabiex jidhol go triq ohra, meta kien ovvju li dawn kienu qed jistennew l-vettura tal-attur  tghaddi.

It-tesi tal-attur hija akar sostenibbli meta jikkonferma li kien ra l-vettura tal-konvenut, qabel ma sehh l-incident. L-istess konvenut ikkonferma mieghu li kien qabez il-vetturi wieqfa sabiex jidhol go triq San Gorg.

Minn dak li kkonstata t-Tribunal waqt l-access il-verzjoni tal-attur hija wahda kredibbli u tikkombacia ma’ dak li hemm fir-rapport tal-pulizija.

Dwar id-danni lanqas ma hemm kontestazzjoni ghaliex kif diga’ gie sottolineat ma ngabu l-ebda provi mill-konvenut fuq dan.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------